MALTA

# QORTI ĊIVILI

# PRIM' AWLA

### ONOR. IMĦALLEF

### LAWRENCE MINTOFF

**Seduta tal-21 ta' April, 2016**

Rikors Numru: 290/15 LM

Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru 437/2015:

**L-Avukat Nicola Gandini permezz ta' prokura speċjali datata 30 ta' Novembru, 2015 assuma l-atti ta' din il-kawża meta ġie maħtur minflok Dottor Siegfried Borg Cole (I.D. 360554M) bħala mandatarju speċjali ta' Dottor Marco Lacchini (Passaport Taljan bin-numru F943296) li jinsab assenti minn Malta**

**vs.**

**Alain Mangion (I.D. 405263M); Dr Maria sive Mariella Mangion (I.D. 17965M), mart l-**

**istess Alain Mangion; Credinvest International Corporate Finance Limited (C21795); u Athos International Limited (C31696)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' **Alain Mangion, Dr Maria sive Mariella Mangion, mart l-istess Alain Mangion, Credinvest International Corporate Finance Limited,** u **Athos International Limited** (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrenti sekwestrati") ippreżentat fis-26 ta' Marzu, 2015, li jaqra hekk:

*"1. Illi permezz ta' digriet tas-16 ta' Marzu, 2015, fuq rikors tal-Avukat Dottor Siegfried Borg Cole nomine ppreżentat fl-istess ġurnata tas-16 ta' Marzu, 2015, dina l-Onorabbli Qorti għoġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kontra l-esponenti u dan sabiex jiġi kawtelat allegat kreditu ta' "Sorte: €850,000 (tmien mija u ħamsin elf euro); Imgħax: Riżervati; Spejjeż: Riżervati" a bażi ta' "Kawżali" konsistenti fi "**… dritt tar-rikorrent għall-ħlas tal-ammont fuq indikat rappreżentanti danni kemm dawk ta' damnum emergens kif ukoll ta' lucrum cessans sofferti mir-rikorrenti nomine b'konsegwenza tal-aġir da parti tal-intimati jew min minnhom fil-konfront tar-rikorrenti nomine liema pretensjoni qed tiġi dedotta permezz ta' rikors ġuramentat ippreżentat kontestwalment**";*

*2. Illi tali mandat ġie eżegwit billi ġie notifikat lil għadd ta' banek kummerċjali u kif ukoll lid-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali;*

*3. Illi jigi osservat qabelxejn li, minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 377(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta (applikabbli wkoll fil-kuntest ta'*

*mandat ta' sekwestru kawtelatorju bis-saħħa tal-artikolu 849 tal-Kap. 12), ossija li kopja tal-mandat għandha wkoll tiġi notifikata lid-debitur, il-mandat odjern baqa' ma ġiex notifikat lill-esponenti;*

*4. Illi l-esponenti qegħdin jattakkaw tali mandat ta' sekwestru kawtelatorju ai termini tal-Art. 836 tal-Kap. 12, u dan għas-segwenti raġunijiet li huma validi skont il-liġi:*

*(i) Illi prinċipalment l-esponenti jsostnu li fiċ-ċirkostanzi mhuwiex raġonevoli li l-mandat odjern jinżamm fis-seħħ u lanqas mhuwa meħtieġ u dan ai termini tal-art. 836(1)(f);*

*(ii) Illi mingħajr preġudizzju u subordinatament, il-mandat odjern mhuwiex raġonevoli li jinżamm fis-seħħ u lanqas mhuwa meħtieġ f'parti minnu, ossija –*

*a) fil-konfront tal-esponenti Dr Maria sive Mariella Mangion personalment stante li din ma għandha x'taqsam xejn mal-kumpanniji esponenti u man-negozju u l-eżerċizzju tal-professjoni ta' żewġha. F'dan il-kuntest, qed jiġu hawn annessi estratti stampati mis-sit elettroniku tar-Reġistru tal-Kumpanniji li juru l-involvimenti tal-kumpannija esponenti Credinvest International Corporate Finance Limited (C 21795), tal-kumpannija esponenti Athos International Ltd (C22781) u kif ukoll għal kull buon fini tal-kumpannija Bastille Malta Trustess Limited (C 25994), li għalkemm mhijiex involuta f'dawn il-proċeduri odjerni, hija ishmatarja fil-kumpannija esponenti Athos International Ltd (estratti annessi bħala "Dok. A" sa "Dok. C" rispettivament); u / jew*

*b) fil-konfront tal-esponenti Alain Mangion personalment stante li s-servizzi mertu tal-vertenza odjerna ġew*

*provvduti mill-kumpanniji esponenti, partikolarment Credinvest International Corporate Finance Limited (C21795), u mhux minnu personalment u dan ukoll ai termini tal-art. 836(1)(f) (f'dan il-kuntest qed tiġi hawn annessa bħala "Dok. D" kopja ta' wieħed mill-kuntratti li jikkonċernaw il-każ odjern, senjatament dak li sar ma' Tecnofin S.A. u li sottomissjonijiet dwaru ser isiru aktar 'il quddiem f'dan ir-rikors);*

*(iii) Illi mingħajr preġudizzju u subordinatament, fi kwalunkwe każ l-ammont mitlub mis-sekwestrant mhuwiex prima facie ġustifikat jew huwa eċċessiv u dan ai termini tal-art. 836(1)(d);*

*(iv) Illi mingħajr preġudizzju u subordinatament, hemm garanzija xierqa oħra li tassigura biżżejjed il-pretensjoni tas-sekwestrant u dan ai termini tal-art. 836(1)(ċ).*

*5. Illi l-esponenti huma konsapevoli tal-fatt li din il-Qorti għandha biss tagħmel eżami prima facie dwar jekk jeżistux iċ-ċirkostanzi biżżejjed li għandhom iwasslu għar-revoka tal-mandat odjern. Tenut kont ta' dan però huwa neċessarju li jsiru dawk is-sottomissjonijiet kollha meħtieġa mingħajr ma wieħed jidħol fil-mertu tal-każ sabiex din l-Onorabbli Qorti jkollha kwadru ċar quddiemha u tkun tista' tasal għad-deċiżjoni tagħha. Dan wara kollox huwa mitlub mil-liġi stess fl-art. 836(2);*

*6. Illi ghalhekk in sostenn tat-talba tagħhom l-esponenti jressqu s-segwenti sottomissjonijiet;*

*7. Illi l-kumpannija esponenti Credinvest International Corporate Finance Limited ("Credinvest") toffri corporate finance services f'diversi swieq internazzjonali u hija kumpannija separata u distinta mill-esponenti Alain Mangion li huwa direttur tagħha;*

*8. Illi s-sekwestrant Dottor Marco Lacchini ("Lacchini") kien avvicina u ingaġġa lil Credinvest sabiex tipprovdilu s-servizzi tagħha in konnessjoni ma' xi proġetti ta' klijenti tiegħu* *<u>u allura mhux proġetti li hu kien involut personalment jew li kellu xi interess personali fihom</u>;*

*9. Illi Lacchini u Credinvest kienu ftiehmu li l-miżata (fee) li Credinvest għandha titħallas għas-servizzi tagħha tkun ta' għaxart elef euro (€10,000) għal kull proġett. Din il-miżata kienet tkopri ħlas għas-servizzi ta' Credinvest konsistenti fost l-oħrajn fl-evalwazzjoni tal-proġetti u l-assistenza immedjata għall-istess proġetti;*

*10. Illi Lacchini ingaġġa lil Credinvest fir-rigward ta' erba' proġetti, li huma – (i) Proġett Clarisse Heraix; (ii) Proġett IBSE; (iii) Proġett Cote D'Emeraude; u (iv) Proġett Tecnofin;*

*11. Illi l-miżata miftiehma ta' għaxart elef euro (€10,000) sabiex ikun jista' jinbeda x-xogħol fir-rigward ta' kull wieħed minn dawn il-proġetti kienet tħallset, u għalhekk kien tħallas l-ammont ta' erbgħin elf euro (€40,000). Ta' min jgħid hawnhekk li Lacchini kellu diversi diffikultajiet sabiex jeffettwa l-pagamenti permezz ta' swift transfers u kien għalhekk li wieħed mill-pagamenti sar fil-kont personali tal-esponent Alain Mangion;*

*12. Illi kif ġja ngħad qabel, mhijiex l-intenzjoni tal-esponenti li jidħlu fil-mertu tal-każ, però ser jillimitaw irwieħhom biss għall-fatti bażiċi li jirrigwardaw kull proġett imsemmi kif ġej:*

*(i) <u>Proġett Clarisse Heraix</u> – dan kien jirrigwarda kumpannija żgħira fi Franza li topera fil-qasam tal-moda. Din hija kumpannija b'turnover ta' madwar miljun euro (€1,000,000) li kellha bżonn finanzjament ta' mhux inqas minn tmenin miljun euro (€80,000,000). Minkejja li Credinvest mill-ewwel ġibdet l-attenzjoni għad-diffikultajiet li jikkaratterizzaw dan il-proġett, Credinvest xorta waħda*

*wara li għamlet xogħolha rnexxilha ssib investitur potenzjali li kien dispost jiltaqa' ma' Lacchini u/jew il-klijenti tiegħu. Madankollu, Lacchini injora dan kollu u qatt ma wasal biex jiftiehem li jiltaqa' ma' dan l-investitur, b'dannu tra l'altro għal Credinvest, kemm finanzjarju minħabba t-telf tal-investiment u kif ukoll ta' reputazzjoni mal-investitur li kienet sabet. Da parti tagħha allura Credinvest eżegwit ix-xogħol li kienet ġiet ingaġġata biex tagħmel u li għalih kienet tħallset, u Lacchini ma jista' qatt validament jippretendi li jieħu l-flus lura u wisq anqas jitlob xi danni kontra Credinvest u fuq kollox kontra l-esponenti l-oħrajn;*

*(ii) <u>Proġett IBSE</u> – dan kien jirrigwarda kumpannija oħra Franċiża li wkoll kellha bżonn finanzjament ta' mhux inqas minn tmenin miljun euro (€80,000,000) sabiex tibni fabbrika ta' djar pre-fabbrikati ġewwa l-Marokk. Anke hawn Credinvest rnexxilha ssib investitur potenzjali, li però kien qed jitlob garanziji sodi da parti tal-klijenti ta' Lacchini li baqgħu ma ngħatawx. Dan kollu ġie injorat u Credinvest baqgħet ma semgħet xejn aktar, għal darb'oħra b'dannu għal Credinvest. Da parti tagħha allura Credinvest eżegwit ix-xogħol li kienet ġiet ingaġġata biex tagħmel u li għalih kienet tħallset, u Lacchini ma jista' qatt validament jippretendi li jieħu l-flus lura u wisq anqas jitlob xi danni kontra Credinvest u fuq kollox kontra l-esponenti l-oħrajn;*

*(iii) <u>Proġett Cote D'Emaraude</u> – iċ-ċirkostanzi ta' dan il-proġett huma kemxejn ikkumplikati u mhux neċessarju ai fini ta' dan ir-rikors li wieħed jidħol fi spjegazzjoni profonda ta' tali ċirkostanzi. Jingħad biss li dan il-proġett ukoll kien jikkonċerna proposta ta' finanzjament kbira, li però ma kienx daqshekk sod u favoluż kif ipprova jpinġih Lacchini.*

*Relatati ma' dan il-proġett kien hemm żewg kumpanniji ta' Lacchini stess, jew tal-anqas ikkrejati minnu, fil-Lussemburgu, liema kumpanniji kienu indebitati ma' banek Taljani u ghalkemm kellhom xi proprjetà, tali proprjetà ma kinitx libera u franka. Għal darb'oħra, minkejja dan kollu, Credinvest rnexxilha tipprovdi alternattiva sabiex dan il-finanzjament ikun jista' jsir u dan permezz tal-hekk imsejjaħ financial leasing li f'dan il-każ kien jinvolvi (impoġġija fi kliem sempliċi) kiri ta' bonds ta' terza persuna li jwassal sabiex jittella' l-kapital meħtieġ. Da parti tagħha allura Credinvest eżegwit ix-xogħol li kienet ġiet ingaġġata biex tagħmel u li għalih kienet tħallset;*

*Għal dan il-għan, bħala parti mis-servizz tagħha, Credinvest laqqgħet lil Lacchini ma' ċertu Alfonso Santonicola ("Santonicola") ta' Rhyperion Capital s.r.o. ("Rhyperion"), li kienet il-persuna li seta' jgħin lil Lacchini f'dan il-proġett billi jipprovdilu l-finanzjament meħtieġ bil-mod hawn qabel indikat. Fil-fatt Lacchini kien ingaġġa lil Santonicola kif jirriżulta minn kopja ta' letter of engagement li tinsab hawn annessa bħala "Dok. E". Dan kien jinvolvi pagament ta' ħamsin elf euro (€50,000) li però kienu mitluba minn Santonicola lil Lacchini. Minn meta Credinvest laqqgħet lil Lacchini ma' Santonicola, Credinvest ma baqgħetx involuta fit-trattattivi ta' bejniethom. L-uniku involviment ta' Credinvest kien li tirċievi l-pagament ta' ħamsin elf euro (€50,000) mingħand Lacchini, jinżamm fil-kont bankarju tal-kumpannija l-oħra ta' Alain Mangion, l-esponenti Athos International Limited ("Athos"), u sussegwentement jgħaddi għand Santonicola fuq struzzjonijiet ta' Lacchini kif fil-fatt ġara (kopja tal-istatement bankarju li juri dawn it-transazzjonijiet annessa bħala "Dok. F"). Dan kollu sar bi*

*ftehim bejn Lacchini u Santonicola, ad esklużjoni tal-esponenti;*

*Għandu jingħad f'dan l-istadju li Lacchini żamm kuntatt dirett ma' Santonicola/Rypherion, ħafna mid-drabi ad insaputa ta' Credinvest. Fil-fatt Lacchini kien ukoll għadda pagamenti oħrajn lil Santonicola mingħajr ma Credinvest qatt ġiet ikkonsultata jew altrimenti involuta. Inoltri kien ġie wkoll iffirmat il-ftehim dwar il-Financial Lease relattiv għal dan il-proġett, liema ftehim ġie ffirmat mill-klijenta ta' Lacchini Cote d'Emeraude S.A., Rhyperion bħala garanti, u Banco Espirito Santo SA bħala l-bank li kien qed jikri l-bonds neċessarji lil Cote d'Emeraude għall-finanzjament li kellha bżonn (kopja tal-financial lease agreement annessa bħala "Dok. G"). Meta mbagħad in-negozju mar ħażin, Lacchini reġa' involva lil Credinvest għaliex ried il-flus lura minn għandha meta jaf perfettament li l-flus kienu tħallsu lil Santonicola fuq struzzjonijiet tiegħu stess, apparti l-miżata ta' għaxart elef euro (€10,000) li kienet il-miżata miftiehma ma' Credinvest għas-servizzi reżi minnha. Jidher ukoll li n-negozju falla għal raġunijiet imputabbli totalment lil Lacchini billi fost l-oħrajn naqas milli jeffettwa pagamenti li kellu jħallas, bil-konsegwenza li Santonicola tilef il-fiduċja fl-istess Lacchini u filwaqt li kien dispost li jkompli jagħti s-servizz tiegħu lill-klijenti ta' Lacchini, huwa ma riedx ikompli jagħmel dan tramite Lacchini;*

*Dan sar dejjem b'dannu finanzjarju għal Credinvest kif ukoll b'dannu għar-reputazzjoni tal-istess Credinvest;*

*(iv) <u>Proġett Tecnofin</u> – iċ-ċirkostanzi ta' dan il-proġett huma identiċi għal dak ta' Cote D'Emeraude u għalhekk a skans ta' ripetizzjoni ssir referenza għal dak kollu espost hawn qabel fir-rigward tal-Progett Cote D'Emeraude. Jingħad biss li anke hawn kien ġie ffirmat il-fethim dwar il-Financial Lease relattiv għal dan il-proġett, liema ftehim ġie ffirmat mill-klijenta ta' Lacchini Tecnofin S.A., Rhyperion bħala garanti, u Banco Espirito Santo SA bħala l-bank li kien qed jikri l-bonds neċessarji lil Tecnofin għall-finanzjament li kellha bżonn (kopja tal-financial lease agreement annessa bhala "Dok. H");*

*13. Illi jigi rilevat li f'dawn il-viċendi kollha Lacchini kien qed jagixxi għan-nom ta' klijenti tiegħu u mhux f'ismu personali. Inoltre, speċjalment fir-rigward tal-aħħar żewg proġetti msemmija, l-involviment ta' Credinvest kien spiċċa meta l-istess Credinvest ikkrejat il-kuntatt bejn Lacchini u t-terzi persuni li kienu ser jassistu lil Lacchini fil-proġett tiegħu. Fil-fatt minn hemm 'il quddiem Lacchini kellu kuntatt dirett ma' dawn it-terzi persuni u kwalunkwe pagament ulterjuri li sar kien sar biss lil dawn l-istess terzi persuni. Oltre minn hekk, ġaladarba Credinvest (u l-esponenti l-oħrajn kollha) ma baqgħux involuti fin-negozju relattiv, ċertament ma għandhomx iġorru huma responsabbiltajiet li ma jikkonċernawhomx minimament;*

*14. Illi jiġi rilevat ukoll li minkejja l-ħafna proġetti sbieħ u fantastiċi li ġie bihom Lacchini meta l-ewwel darba avviċina lil Credinvest għas-servizzi tagħha, irriżulta li appuntu kienet kollha fantasija! Dan aktar u aktar meta jitqies li, fost l-oħrajn, (i) Lacchini kien ipproduċa garanzija bankarja allegatament maħruġa mill-HSBC sabiex tgħin jittella' kapital bis-saħħa tagħha, li però rriżulta li kienet tidher li kienet falza, (ii) Lacchini, bħala prova ta' pagamenti li però ma kinux saru, kien ipproduċa kopji ta' swift transfer li wkoll evidentement kienu fażulli, (iii)*

*Lacchini rriżulta li effettivament kien ġja nstab ħati ta' reati gravi minn Qrati Taljani f'każijiet simili fl-Italja u jidher li huwa involut f'diversi każi li qegħdin jiġu jew li kienu indagati ġewwa l-Italja, u dana kif rappurtat f'diversi siti elettroniċi ġurnalistiċi (kopji ta' estratti stampati minn fuq is-siti elettroniċi rispettivi annessi bħala dokument wieħed "Dok. I");*

*15. Illi minn dawn is-sottomissjonijiet, fl-umli opinjoni tal-esponenti jirriżulta ċarament u prima facie li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern mhuwiex raġonevoli li jinżamm fis-seħħ u lanqas mhuwa meħtieġ jew ġustifikabbli, stante li l-kwadru superfiċjali tal-fatti juri ċarament li Lacchini qiegħed jipprova jinqeda b'dawn il-proċeduri ġudizzjarji u bil-Qrati Maltin sabiex iwaqqaf lill-esponenti mix-xogħol tagħhom u joħloq diffikultajiet enormi anke fuq il-familja ta' Alain Mangion billi għall-ebda raġuni involva lil mart l-istess Alain Mangion f'dawn il-proċeduri frivoli u vessatorji, u dan wara li kien hu stess li wassal għall-falliment tan-negozju li kien qed jipprova jagħmel. Dan l-aġir totalment irresponsabbli tas-sekwestrant nomine qiegħed joħloq problemi kbar lil Alain Mangion personalment, lil martu, u lil uliedhom billi l-mandat ta' sekwestru odjern iffriża totalment il-kontijiet bankarji tagħhom kollha meta dawn fuq bażi personali ma għandhom x'jaqsmu xejn fin-negozju mertu ta' dawn il-proċeduri anke jekk dato ma non concesso teżisti xi tip ta' responsabbiltà fuq il-kumpanniji esponenti. Ta' dan is-sekwestrant nomine qiegħed minn issa jinżamm responabbli;*

*16. Illi dak li qed jipprova jittenta li jagħmel Lacchini b'dawn il-proċeduri huwa li wara li bi ħtija assoluta tiegħu ġab fix-xejn in-negozju li kien qed jipprova jagħmel għan-nom tal-klijenti tiegħu u ġab fix-xejn ukoll ix-xogħol kollu li kienet għamlitlu l-kumpannija esponenti Credinvest minkejja l-avversitajiet kollha, u dan kollu b'dannu għall-klijenti tiegħu stess, issa qiegħed juża l-proċeduri ġudizzjarji li tipprovdi għalihom il-liġi Maltija sabiex jipprova jdur fuq u jgħaffeġ lill-kumpanniji esponenti iżda*

*aktar minn hekk lil Alain Mangion u l-familja tiegħu fuq bażi personali. Dan huwa inaċċettabbli u jikkostitwixxi abbuż tal-proċeduri ġudizzjarji!*

*17. Illi dwar l-ammont, jiġi osservat li l-ammont indikat bħala sorte fil-mandat odjern, fl-ewwel lok mhuwiex ġustifikat in vista tas-sottomissjonijiet kollha ġja magħmulha u fit-tieni lok, mingħajr preġudizzju, huwa se mai eċċessiv. Dan qed jingħad għaliex tenut kont tal-ittra uffiċjali preżentata mill-Av. Siegfried Borg Cole noe fis-6 ta' Novembru, 2014 (rif. 3519/14) (kopja annessa bħala "Dok. J"), il-pretensjoni ta' Lacchini kienet ta' mija u disghin elf euro (€190,000) bħala rimbors ta' flus imħallsa minnu lill-intimati, oltre għal danni mhux speċifikati. Dwar l-ammont ta' mija u disgħin elf euro (€190,000) ġja ġie spjegat li erbgħin elf euro (€40,000) minnhom jirrappreżentaw miżati għas-servizzi ta' Credinvest liema servizzi ġew reżi, u l-bqija jirrappreżentaw flus <u>li ma tħallsux lil Credinvest</u> iżda lil Santonicola / Rypherion fuq struzzjoniet ta' Lacchini stess. Huwa possibbli li allura li Lacchini qiegħed jippretendi danni fl-ammont ta' sitt mija u sittin elf euro (€660,000)?! U dan mingħajr il-minima spjega ta' kif wasal għal dan il-kalkolu? Apparti dan, filwaqt li fl-ittra uffiċjali msemmija intalab ħlas ta' mija u disgħin elf ewro (€190,000) bħala rimbors oltre għal somma indeterminata in linja ta' danni, issa f'daqqa waħda permezz tal-mandat hemm pretensjoni ta' tmien mija u ħamsin elf euro (€850,000) bħala danni biss! Huwa evidenti li s-sekwestrant noe ghandu konfużjoni sħiħa dwar dak li qed jitlob u li ċertament l-ammont mitlub mhux ġustifikat jew tal-anqas eċċessiv;*

*18. Illi mingħajr preġudizzju għal dak kollu espost¸ l-esponenti jissottomettu li hemm garanzija oħra xierqa sabiex tissodisfa l-pretensjoni tas-sekwestrant u li tista' tassigura biżżejjed il-pretensjoni tiegħu. Din il-garanzija tikkonsisti f'fond li jinsab ġewwa l-Belt Valletta u li huwa proprjetà tal-kumpannija esponenti Credinvest u jintuża bħala uffiċini tal-istess kumpannija. Dan il-fond għandu valur ta' aktar minn*

*miljun ewro (€1,000,000) u ċertament, taħt dawk l-ordnijiet kollha li din il-Qorti tħoss neċessarji u opportuni fiċ-ċirkostanzi, jista' joffri garanzija biżżejjed għall-pretensjoni tas-sekwestrant fil-konfront tas-sekwestrati kollha;*

*19. Illi oltre għar-revoka tal-mandat odjern, l-esponenti qegħdin ukoll jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti tikkundanna lis-sekwestrant noe sabiex iħallas penali lill-esponenti u dan a bażi tal-art. 836(8)(b) minħabba li s-sekwestrant noe naqas milli jinterpella lill-esponenti għall-hlas tal-ammonti pretizi minnu fi żmien ħmistax-il jum qabel ma sar ir-rikors għall-ħruġ tal-mandat, tenut kont ukoll tal-fatt li l-pretensjoni fl-ittra uffiċjali msemmija kienet ferm anqas minn dik rinfaċċati biha l-esponenti fil-mandat odjern, u tal-art. 836(8)(d) minħabba li huwa ċar li t-talba tas-sekwestrant noe saret b'malizzja u hija frivola u vessatorja;*

*20. Illi finalment u subordinatament, tenut kont taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, l-esponenti qed jitolbu wkoll lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ai termini tal-art. 838A tordna lis-sekwestrant noe jagħti garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi imposta u ta' danni u imgħax li jistgħu jiġu ordnati li jitħallsu, u fin-nuqqas li tingħata tali garanzija, li tneħħi l-att kawtelatorju;*

*21. Illi għalhekk, l-esponenti kienu kostretti jipproċedu bl-odjerna azzjoni.*

*Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi għar-raġunijiet premessi, dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru. 437/2015 fl-ismijiet premessi fl-intier tiegħu jew f'parti minnu skont kif espost f'dan ir-rikors, ai termini tal-Artikolu 836(1)(ċ) u/jew (d) u/jew (f) tal-Kap. 12 u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidhrulha xierqa u opportuni, inkluż l-ordni għall-ħlas ta' penali ai termini tal-Artikolu 836(8)(b) u/jew (d) u l-ordni għall-għoti ta' garanzija ai termini tal-Artikolu 838A."*

Rat ir-risposta tal-avukat **Dottor Siegfried Borg Cole nomine** (minn issa 'l quddiem "l-intimat sekwestrant") li taqra hekk:

*"Illi l-mandat inkwistjoni ġie ppreżentat mar-Rikors Ġuramentat bin-numru 240/2015 fl-istess ismijiet fuq premessi liema Rikors Ġuramentat jinsab differit għas-smigħ għall-21 ta' Mejju, 2015 quddiem dina l-Onorabbli Qorti;*

*Illi fl-imsemmi Rikors Ġuramentat ġie dikjarat inter alia li l-attur nomine oltre li ħallas aktar minn tliet mija u għoxrin elf euro (€320,000) fir-rigward tax-xogħlijiet li kellhom isiru mill-imsemmija konvenuti, xi wħud mill-klijenti tal-istess attur rappreżentati mill-istess attur li għalihom huwa responsabbli l-istess attur, ġew interpellati fost l-oħrajn iħallsu kważi sitt mitt elf euro (€600,000);*

*Illi fl-imsemmi Rikors Ġuramentat ġie dikjarat ukoll inter alia li l-attur nomine kien ġie mqarraq bil-ħafna wegħdiet da parti ta' Alain Mangion, liema promessi wara irriżultaw li ħafna minnhom kienu foloz;*

*Illi fl-imsemmi Rikors Ġuramentat ġie dikjarat ukoll inter alia li Alan Mangion u s-soċjetajiet minnu użati saħansitra kienu bagħtu lill-attur dokumenti bankarji li wara rriżultaw li kienu foloz;*

*Illi fl-imsemmi Rikors Ġuramentat wara li saret is-solitu dikjarazzjoni tal-fatti u r-raġuni tat-talbiet b'mod dettaljat, intalab li l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili inter alia tiddikjara li l-konvenuti solidalment bejniethom kienu inadempjenti fis-servizzi minnhom offruti lill-attur nomine; tiddikjara li l-istess konvenuti jew min minnhom solidalment bejniethom aġixxew b'mod abbużiv u illegali fil-konfront tal-attur nomine fis-servizzi minnhom offruti lill-attur nomine; tiddikjara li l-istess*

*konvenuti jew min minnhom solidalment bejniethom huma responsabbli għad-danni kollha, kemm dawk ta' damnum emergens kif ukoll ta' lucrum cessans sofferti mill-attur nomine b'konsegwenza ta' dan l-aġir da parti tal-konvenuti jew min minnhom fil-konfront tal-attur nomine; u finalment, wara li l-imsemmija Qorti tillikwida dawk id-danni kemm dawk ta' damnum emergens kif ukoll dawk ta' lucrum cessans sofferti mill-istess attur nomine b'konsegwenza ta' dan l-aġir da parti tal-konvenuti jew min minnhom fil-konfront tal-attur nomine, okkorrendo b'opera ta' periti nominandi tikkundanna lill-istess konvenuti, jew min minnhom solidalment bejniethom iħallsu dawk id-danni hekk likwidati mill-attur nomine;*

*Illi mhux l-iskop ta' din ir-risposta li din l-istess tieħu post ir-Rikors Ġuramentat promotur, u wisq inqas li din ir-risposta tieħu post it-trattazzjoni tal-istess Rikors Ġuramentat promotur, iżda kien fid-dawl ta' dawn il-fatti dikjarati li raġonevolment inħareġ il-mandat ta' sekwestru inkwistjoni liema fatti dikjarati huma iktar minn suffiċjenti sabiex jinħareġ l-imsemmi Mandat u dan l-istess jinżamm fis-seħħ, u għaldaqstant ma jreġux iċ-ċirkustanzi imsemmija fl-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12;*

*Illi fir-rikors promotur, li qiegħed jiġi trattat odjernament skont l-Artikolu 836 tal-Kap 12, qiegħed jiġi subordinatament allegat li mhux raġonevoli li l-imsemmi Mandat ta' Sekwestru jinżamm fis-seħħ u lanqas mhu meħtieġ f'parti minnu, fil-konfront ta' Dr Maria sive Mariella Mangion, stante li din m'għandha x'taqsam xejn mal-kumpanniji msemmija u man-negozju u l-eżerċizzju tal-professjoni ta' Alain Mangion. Illi l-imsemmija Dr Maria sive Mariella Mangion hija mart Alain Mangion; din il-koppja mhumiex isseparati u lanqas ġie allegat li ma teżistix bejniethom il-komunjoni tal-akkwisti. Mid-dokumenti informi (li għal kull buon fini l-kontenut tagħhom qed jiġu aċċettati prima facie bħala*

*veritjeri) esebiti mill-istess koppja Mangion u r-rikorrenti l-oħrajn jirriżulta li Alain Mangion (u għaldaqstant hija inkluża martu l-imsemmija Dr Maria sive Mariella Mangion) huwa l-azzjonist kważi uniku (ħlief għal azzjoni waħda minn 35000 azzjoni) fis-soċjetà Credinvest International Corporate Finance Limited, u l-istess Alain Mangion huwa direttur tal-istess soċjetà, filwaqt li l-azzjonijiet kollha ta' din is-soċjetà huma miżmuma nominee. Oltre dan, fl-istess rikors promotur li qiegħed jiġi trattat odjernament l-istess rikorrenti, fosthom il-koppja Mangion iddikjaraw li saru pagamenti lil Alain Mangion personalment (u għaldaqstant hija inkluża martu l-imsemmija Dr Maria sive Mariella Mangion).*

*Illi fir-rikors promotur li qiegħed jiġi trattat odjernament skont l-artikolu 836 tal-Kap 12, qiegħed jiġi subordinatament allegat li mhux raġonevoli li l-imsemmi mandat ta' sekwestru jinżamm fis-seħħ u lanqas mhuwa meħtieġ f'parti minnu, fil-konfront personali ta' Alain Mangion, stante li qiegħed jiġi allegat li s-servizzi mertu ta' din il-vertenza ġew provduti mis-soċjetà Credinvest International Corporate Finance Limited u mhux minnu personalment. Illi mingħajr ma jiġi trattat il-mertu tar-Rikors Ġuramentat bin-numru 240/2015 fl-istess ismijiet fuq premessi, liema rikors huwa l-bażi li fuqu nħareġ il-Mandat ta' Sekwestru trattat odjernament, terġa' ssir riferenza għall-istess Rikors Ġuramentat u d-dikjarazzjonijiet u t-talbiet hemm kontenuti, fejn ġie ddikjarat inter alia s-segwenti: Dottor Marco Lacchini kien tkellem ma' Alain Mangion personalment; Dottor Marco Lacchini kien awtorizza u aċċetta s-servizzi imwiegħda minn Alain Mangion; Dottor Marco Lacchini kien awtorizza u aċċetta s-servizzi pprestati minn Alain Mangion personalment kif ukoll għan-nom ta' dawk is-soċjetajiet użati mill-istess Alain Mangion f'dawn is-servizzi minnu offruti. Mid-dokumenti informi (li għal kull buon fini l-kontenut tagħhom qed jiġu aċċettati prima facie bħala veritjeri) esebiti mill-istess Alain Mangion u r-rikorrenti oħrajn jirriżulta li Alain Mangion*

*huwa l-azzjonist kważi uniku (ħlief għal azzjoni waħda minn 35000 azzjoni) fis-soċjetà Credinvest International Corporate Finance Limited, u l-istess Alain Mangion huwa direttur tal-istess soċjetà. Fir-rigward ta' Athos International Limited, l-istess Alain Mangion huwa l-uniku direttur tal-istess soċjetà, filwaqt li l-azzjonijiet kollha ta' din is-soċjetà huma kollha miżmuma nominee. Oltre dan, fl-istess rikors promotur li qiegħed jiġi trattat odjernament l-istess intimati, fosthom Alain Mangion iddikjaraw li saru pagamenti lil Alain Mangion personalment. Fir-Rikors Ġuramentat promotur ġie dikjarat li min ippresta dawn is-servizzi (f'dan l-istadju irreleventi kienx Alain Mangion personalment jew xi soċjetà minnu ġestita) qarraq b'Dottor Marco Lacchini. Jekk għall-grazzja tal-argument (għalkemm f'dan l-istadju mhux neċessarjament qed jingħad li hekk kien il-każ) jingħad li tali servizzi ngħataw minn soċjetà ġestita minn Alain Mangion, u dawn l-istess qarrqu bil-klijent – Dottor Marco Lacchini li eventwalment sofra danni, ir-responsabilità fl-aħħar mill-aħħar taqa' fuq min kien qed jiġġestixxi s-soċjetà, u ċioè minimament fuq Alain Mangion;*

*Illi fir-rikors promotur li qiegħed jiġi ttrattat odjernament skont l-Artikolu 836 tal-Kap 12, qiegħed jiġi subordinatament allegat li mhux raġonevoli li l-imsemmi Mandat ta' Sekwestru jinżamm fis-seħħ u lanqas mhuwa meħtieġ skont l-artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12, stante li l-ammont mitlub mis-sekwestrant mhuwiex prima facie ġustifikat jew huwa eċċessiv. Illi a skans ta' ripetizzjoni ssir riferenza għal dak fuq espost fejn inter alia ingħad li fl-imsemmi Rikors Ġuramentat ġie dikjarat inter alia li l-attur nomine oltre li ħallas iktar minn tliet mija u għoxrin elf euro (€320,000) fir-rigward tax-xogħlijiet li kellhom isiru mill-imsemmija konvenuti, xi wħud mill-klijenti tal-istess attur rappreżentati mill-istess attur u li għalihom huwa responsabbli l-istess attur, ġew interpellati fost l-oħrajn iħallsu kważi sitt mitt elf euro (€600,000); illi l-istess attur nomine ħallas spejjeż oħra konnessi mas-servizzi li kellhom jingħataw*

*minn Alain Mangion u s-soċjetajiet minnu użati; oltre dan Dottor Marco Lacchini sofra danni u telf finanzjarju konsistenti f'telf finanzjarju sostanzjali, f'telf fil-professjonalità, negozju u klijenti u jew xogħol u jew introjtu prospettiv tiegħu f'ammonti li għad iridu jiġu likwidati, oltre telf prospettiv ieħor f'danni li qed jintalbu jħallsu l-klijenti tiegħu liema danni huwa responsabbli għalihom l-istess Dottor Marco Lacchini stante li huwa kien qed jaġixxi għan-nom tal-istess klijenti sia bħala konsulent kif ukoll bħala mandatarju tal-istess u dan kif ser jiġi ppruvat aħjar fit-trattazzjoni tar-Rikors Ġuramentat bin-numru 240/2015 fl-istess ismijiet premessi. Illi minn dan kollu jirriżulta li l-ammont ikkawtelat (€850,000) fil-Mandat ta' Sekwestru inkwistjoni altro che huwa wieħed prima facie raġonevoli, ġustifikat u mhux eċċessiv anzi pjuttost wieħed konservattiv u qed jiġi riżervat minn issa stess li jinħarġu mandati ulterjuri kif permess mill-istess liġi;*

*Illi fir-rikors promotur li qiegħed jiġi trattat skont l-artikolu 836 tal-Kap 12, qiegħed jiġi subordinatament allegat li mhux raġonevoli li l-imsemmi mandat ta' sekwestru jinżamm fis-seħħ u lanqas mhuwa meħtieġ skont l-artikolu 836(1) tal-Kap 12, stante li allegatament hemm garanzija xierqa oħra li tassigura biżżejjed il-pretensjoni tas-sekwestrant. Illi jingħad qabelxejn li ma ġiet offruta l-ebda garanzija alternattiva da parti tal-intimati Alain Mangion, Dr Maria sive Mariella Mangion; Credinvest International Corporate Finance Limited; u jew Athos International Limited. Illi l-intimati għandhom kull dritt jagħmlu garanzija aċċettabbli skont il-liġi. Iżda jiġi espost illi r-Rikors Ġuramentat bin-numru 240/2015 fl-istess ismijiet fuq premessi, ir-rikors li huwa l-bażi tal-Mandat ta' Sekwestru trattat odjernament, sar fil-konfront ta' Alain Mangion, Dr Maria sive Mariella Mangion; Credinvest International Corporate Finance Limited; u Athos International Limited, filwaqt li din l-hekk imsejħa 'garanzija' ġiet iddikjarata mill-istess intimati sekwestrati, li tappartjeni biss lil Credinvest International*

*Corporate Finance Limited, għaldaqstant tali garanzija jekk semmai tiġi offruta, mhix idonea sabiex tkopri u tikkawtela t-talbiet fil-konfront tal-intimati sekwestrati kollha.*

*Illi għalkemm skont l-Artikolu 836 tal-Kap 12, is-sekwestrati għandhom kull dritt li fir-rikors tagħhom jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom, u prima facie jagħtu indikazzjoni taċ-ċirkostanzi li fuqhom qed jibbażaw it-talbiet tagħhom, il-mertu, tenut kont tal-fatt li hemm kawża pendenti, għandhom dejjem jiġu riżervati għat-trattazzjoni ta' tali kawża pendenti. Iżda ġaladarba s-sekwestrati abbużaw minn tali dritt u daħlu fil-mertu, jkun raġonevoli li l-esponenti fuq fuq jirribattu tali allegazzjonijiet;*

*Illi ma hemm l-ebda dubbju li s-soċjetajiet ġestiti minn Alain Mangion, kompriżi dawk fejn l-istess Mangion huwa bażikament l-azzjonista uniku tal-istess jew benefiċċjarju tal-istess soċjetajiet, dawn is-soċjetajiet għandhom personalità separata u distinta minn min jiġġestihom jew mill-azzjonisti tagħhom, iżda f'każ ta' abbuż, u aktar u aktar f'każ ta' abbuż serju jew aġir in mala fede, jeżisti l-prinċipju tal-lifting of the corporate veil. Dan apparti li l-fatt li Dottor Marco Lacchini ingaġġa lil Alain Mangion u s-soċjetajiet minnu użati għal tali servizzi;*

*Illi ma hemmx dubbju li kien hemm ftehim dwar fees li kellhom jitħallsu għal tali servizzi li kellhom jiġu ipprovduti minn Alain Mangion u s-soċjetajiet minnu użati, iżda tali fees ma kinux intiżi għas-sempliċi ingaġġar, iżda kellhom ikopru ħafna aktar minn hekk, u żgur ma kienx intiż li min kellu jagħti tali servizz kellu wkoll id-dritt li jaġixxi b'mod negliġenti, abbużiv jew addirittura in mala fede. Il-pagamenti li saru minn Dottor Marco Lacchini saru kollha fuq u skont l-istruzzjonijiet diretti ta' Alain Mangion u s-soċjetajiet minnu użati.*

*Illi merament fuq bażi ta' prima facie, jiġi espost li ovvjament qabel ma Alain Mangion u s-soċjetajiet minnu użati, aċċettaw l-inkariku mingħand Dottor Marco Lacchini, kienu saru diversi komunikazzjonijiet u inkontri bejn il-partijiet, allura u jekk mhux għal raġuni oħra iżda merament għax hekk titlob il-professjonalità, huwa ovvju li Alain Mangion kien konsapevoli tat-talbiet ta' Lacchini u jekk kien hemm xi problema (bħal dawk issa imsemmija mis-sekwestrati), dawn kellhom jiġu u effettivament ġew diskussi qabel l-aċċettazzjoni tal-inkarigu da parti ta' Alain Mangion u s-soċjetajiet minnu użati. Jekk għall-grazzja tal-argument, dan ma sarx, allura minimament Alain Mangion u s-soċjetajiet minnu użati ma aġixxewx b'mod professjonali jew l-istess Alain Mangion u s-soċjetajiet minnu użati kellhom ab inizio intenzjonijiet ulterjuri. Huma respinti l-allegazzjonijiet tas-sekwestrati li l-problema kien Lacchini, kif jiġi aħjar ippruvat waqt it-trattazzjoni tar-rikors u aktar u aktar waqt it-trattazzjoni tal-kawża ossia tar-rikors ġuramentat, il-problema kien Alain Mangion li qabel l-ingaġġar wiegħed ħafna, u wara minimament irriżulta li ma kienx f'pożizzjoni jwettaq dawk il-wegħdiet, oltre dan fi stadju ulterjuri l-istess Alain Mangion u s-soċjetajiet minnu użati bdew jaġixxu b'negliġenza grossolana u saħansitra in mala fede. Jingħad ukoll li kien l-istess Alain Mangion li introduċa lil Alfonso Santonicola lil Dottor Marco Lacchini, u dan tal-aħħar dejjem mexa fuq l-istruzzjonijiet ta' Alain Mangion. Meta ġie mdaħħal fix-xena Alfonso Santonicola, tant kien għadu involut Alain Mangion u s-soċjetajiet minnu użati, li l-flejjes li inizjalment kellhom jiġu versati lil Santonicola, Dottor Marco Lacchini għaddihom lil Alain Mangion u s-soċjetajiet minnu użati, u mhux lil Santonicola. Kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tar-rikors u aktar u aktar waqt it-trattazzjoni tal-kawża ossia tar-rikors ġuramentat, wara li ġie introdott Santonicola, l-atteġġjament u l-aġir ta' Alain Mangion u s-soċjetajiet minnu użati nbidel kompletament u f'dak l-istadju Dottor Marco Lacchini ma setax aktar jafda lill-imsemmi Alain Mangion u jew is-soċjetajiet minnu użati;*

*Dottor Marco Lacchini dejjem aġixxa bħala l-konsulent finanzjarju u l-mandatarju ta' diversi klijenti tiegħu u l-ispejjeż dejjem tħallsu minn kontijiet personali tiegħu jew ta' martu;*

*Jiġu wkoll respinti bħala totalment infondati l-allegazzjonijiet fil-konfront personali ta' Dottor Marco Lacchini, u dan kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tar-rikors u aktar u aktar waqt it-trattazzjoni tal-kawża ossia tar-rikors ġuramentat; anzi jingħad li jew dan kien abbuż kbir da parti tas-sekwestrati li jagħmlu tali allegazzjonijiet, jew minimament ifisser li l-istess Alain Mangion u s-soċjetajiet minnu użati ma għamlu l-ebda due diligence kif titlob il-professjoni u del resto il-liġi, qabel l-ingaġġar, jew inkella dawn l-istess kellhom motivi ulterjuri;*

*Jingħad fl-aħħar li mhux minnu li s-sekwestrant ma interpellax lis-sekwestrati qabel il-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq esposti, l-esponent umilment jissottometti li l-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju 437/2015 fl-ismijiet fuq premessi huwa wieħed ġust u neċessarju u għandu jibqa' fl-intier tiegħu in vigore, filwaqt li t-talbiet tas-sekwestrati għandhom jiġu kollha miċħuda u respinti".*

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Semgħet ix-xhieda ta' **Alain Mangion**.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Rat li r-rikors ġie differit għall-udjenza tal-lum għall-provvediment.

**Ikkunsidrat:**

Illi dan ir-rikors sar abbażi tal-Artikolu 836 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fejn huwa mogħti d-dritt lill-persuna li kontra tagħha jinħareġ mandat kawtelatorju li jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qiegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għalkollox jew f'parti minnu, għal raġuni skont il-liġi.

**<u>L-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12</u>**

Illi l-ewwel raġuni li jġibu l-konvenuti hija dik abbażi tas-subinċiż (1)(f) tal-imsemmi Artikolu: "jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli." Jidher li tisfuġġi lir-rikorrenti sekwestrati l-interpretazzjoni mogħtija minn bosta pronunzjamenti tal-Qrati tagħna li din id-dispożizzjoni ma tirreferix għaċ-ċirkostanza li ma jkunx *ab initio* raġonevoli, meħtieġ, jew ġustifikabbli li att kawtelatorju jinħareġ, imma li ma jibqax raġonevoli, meħtieġ, jew ġustifikabbli wara li jkun inħareġ korrettement. Din hija l-interpretazzjoni kostanti mogħtija mill-Qrati tagħna kif muri minn dawn l-eżemplari:

1) "Illi jingħad ukoll li id-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-Mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għalkollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat, issa m'għadux il-każ."[1]

2) "Għalhekk f'dawn il-proċeduri r-rikorrenti għandhom jippruvaw li tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha speċjali tal-każ mhux raġonevoli li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju għandu jibqa' fis-seħħ u li xi waħda mill-ħtiġijiet għall-ħruġ tal-mandat m'għadhiex teżisti (**Dr Tonio Fenech noe vs. Dr Patrick Spiteri et. noe**), mogħtija fit-3 ta' Awwissu, 2003 PA(GC). Illi minn kliem il-liġi stess joħroġ ċar li sabiex jitwarrab Mandat (jew parti) abbażi ta' dan is-subartikolu hu meħtieġ li jkun hemm bidla sostanzjali fiċ-ċirkostanzi mid-data tal-ħruġ tal-Mandat."[2]

Illli fil-każ tal-lum, ma tirriżultax il-prova fil-parametri tas-sub-inċiż 836 (1)(f) tal-Kap. 12 kif debitament imfisser fil-ġurisprudenza tagħna u dana peress li ma tressqet ebda prova ta' xi ċirkostanza rilevanti li seħħet wara l-ħruġ tal-mandat.

[1] Provvediment tal-10 ta' Awissu, 2012 fl-atti tar-Rikors Maħluf nru. 164/12 fl-ismijiet **Jamar Malta Limited (C45236) vs. Office Group Limited (C39197)** għat tħassir tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorji nru 609/2012 PA (JRM).
[2] **Gasanmamo Insurance Limited (C2143) et vs. Roc A Go Crane Services Limited (C27553) et** mogħti fis-6 ta' Frar, 2014 PA (LSO).

## L-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12

Illi t-tieni raġuni li jadduċu r-rikorrenti huwa li *prima facie* l-mandat mhuwiex ġustifikat. Din ir-raġuni hija bbażata fuq l-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12. Għalkemm jistqarru espressament li l-Qorti f'dan l-istadju m'għandhiex tidħol fil-mertu, huma jagħmlu proprju dan, billi jirriproduċu l-pretenzjonijiet tal-konvenut u jirribattuhom. Kif ingħad minn din il-Qorti kif diversament preseduta, fil-kawża **Joseph Camilleri et. vs. Anthony Govè et** (mogħti fl-10 ta' Mejju, 2001, PA (RCP):

> "Mid-dispożizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa dak biss ta' *prima facie*, u dan għaliex il-mertu kollu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinijifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn *si tratta* dejjem ta' proċedura preliminari, li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja.
>
> Illi fil-fatt jista' jingħad li dak li trid tagħmel il-Qorti f'din il-proċedura huwa biss sabiex tezamina *prima facie* jekk min ħareġ il-mandat kellu pretensjoni legali għall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le peress li dan l-aħħar eżami jfforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-proċedura premessa, ovvjament għandha tħalli fil-ġudizzju tagħha, jew ta' Qorti oħra, għall-eżitu tal-kawża."[3]

Illi l-limitazzjoni tal-indaġini li tista' tagħmel il-Qorti f'dan it-tip ta' proċedura jinstab ben enunċjat fil-provvediment tad-29 ta' Lulju, 2005 mogħti minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta fl-atti tar-rikors fl-ismijiet **Therese Mangion Galea vs. Desmond Stanley Stewart**:

[3] Ara wkoll il-provvediment fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet **Visa Investments Ltd vs. Blye Engineering Co Ltd** mogħti minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta (RCP) fis-7 ta' Frar, 2001 fost ħafna oħrajn.

> "Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mfixkel jew imġarrab b'leġġerezza u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti. Minn dak li ħareġ waqt is-smigħ tar-rikors, il-Qorti ssib li l-intimata eżekutanti għandha, tajjeb jew ħażin, pretensjoni ta' ħlas.
>
> Min-naħa l-oħra, li kieku l-Qorti, f'dan il-waqt, tagħti deċiżjoni dwar jekk huwiex minnu jew le, tkun qiegħda tiddeċiedi l-qofol tal-mertu tal-kontrotalba mressqa mill-intimata u tmur lil hinn mill-parametri li hija mistennija tidħol fihom fi proċedura bħal din. Jerġa' jingħad hawnhekk li dan l-aċċertament ma għandu bl-ebda mod ifisser li l-istess intimata wettqet il-prova fil-mertu ta' dak li huwa (jekk tassew huwa) dovut lilha, imma biss li dak li trid tħares bil-ħruġ tal-Mandat ingħata minnu tifsira plawsibbli lil din il-Qorti dwaru".

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi kif tajjeb irrilevaw ir-rikorrenti sekwestrati, il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju mertu ta' din il-proċedura ġie ppreżentat mill-Avukat Dottor Siegried Borg Cole bħala mandatarju speċjali tas-sekwestrant intimat Dottor Marco Lacchini li jinsab assenti minn Malta. Kontestwalment mat-talba għal ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju Dottor Siegried Borg Cole nomine ddeduċa t-talba tal-mandant tiegħu għal €850,000 danni permezz ta' Rikors Maħluf Numru 240/15LM.

Fir-Risposta Maħlufa tagħhom għall-imsemmi Rikors Maħluf, il-konvenuti, issa r-rikorrenti sekwestrati f'din il-proċedura, eċċepew li Dottor Siegfried Borg Cole kellu jippreżenta prova dokumentarja oriġinali u valida li turi li huwa għandu l-awtorità jaġixxi f'isem u għal Dottor Marco Lacchini. Imma din il-

prova dokumentarja oriġinali jew kopja awtentika tagħha li turi li Dottor Siegfried Borg Cole kellu awtorità jaġixxi f'isem Dottor Marco Landini biex jippreżenta r-Rikors Maħluf 240/15LM baqgħet ma ġietx ippreżentata.

Illi fl-atti tar-Rikors Maħluf Numru 240/15LM, l-avukat Borg Cole informa lill-Qorti li l-attur kien irrevoka l-mandat speċjali tiegħu li kien jawtorizzah jidher għan-nom tiegħu fil-kawża. Il-Qorti ordnat lill-attur jippreżenta kopja awtentika tar-revoka tal-imsemmi mandat speċjali. Din iżda ma ġietx ippreżentata.

Illi fl-udjenza tal-25 ta' Jannar, 2016 fl-atti tal-istess Rikors Maħluf ġiet ippreżentata permezz ta' nota prokura speċjali li permezz tagħha Dottor Marco Lacchini ħatar lill-Avukat Nicola Gandini bħala prokuratur tiegħu biex jirrappreżentah fil-kawża pendenti Rikors Maħluf Numru 240/15LM.

Illi anke fil-kors ta' din il-proċedura fl-atti tar-rikors għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 437/2015, fl-udjenza tat-12 ta' Ottubru 2015, l-Avukat Siegfried Borg Cole informa lill-Qorti li s-sekwestrant intimat kien irrevoka l-mandat speċjali tiegħu u li huwa mhux se jibqa' jippartroċinja lill-intimat sekwestrant, u li appena jirċievi r-revoka formali tal-mandat huwa kellu jippreżenta nota b'kopja tar-revoka fir-Registru tal-Qorti, li però baqgħet ma ġietx ippreżentata fl-atti ta' dan ir-rikors.

Illi fl-udjenza ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Jannar, 2016 ġiet ippreżentata b'nota prokura speċjali li permezz tagħha Dottor Marco Lacchini ħatar lill-avukat Nicola Gandini bħala prokuratur tiegħu biex jirrappreżentah fil-kawża

pendenti numru 290/15 li fil-fatt huwa in-numru ta' dan ir-rikors għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 437/2015.

Illi dan ifisser li kemm fl-atti ta' dan ir-rikors għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 437/2015 u kemm fl-atti tar-Rikors Maħluf 240/15LM l-Avukat Siegfried Borg Cole deher bħala mandatarju speċjali mingħajr ma pproduċa l-iċken evidenza tal-mandat speċjali li allegatament kellu.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, fi proċeduri ġudizzjarji ħadd m'għandu jiġi aċċettat bħala mandatarju speċjali ta' persuna assenti minn dawn il-gżejjer sempliċiment fuq il-kelma biss tal-persuna assenti, sakemm almenu dan ma jiġix aċċettat bħala tali mill-kontroparti. Dan jgħodd iktar u iktar f'każijiet ta' mandati kawtelatorji li joħorġu primarjament abbażi tal-ġurament ta' min jitlob il-ħruġ tagħhom u jista' jkollhom konsegwenzi ferm gravi fuq il-persuni li kontra tagħhom eventwalment jinħarġu.

Illi anke jekk ikun hemm prova sodisfaċenti tal-prokura speċjali, il-mandatarju ma jistax jaħlef fuq fatti rigward il-kreditu pretiż u li abbażi tiegħu jkun qiegħed jintalab il-ħruġ tal-mandat kawtelatorju, kemm-il darba l-mandatarju ma jkunx jaf bil-fatti personalment.

Illi l-ħtieġa li wieħed ikun jaf bil-fatti personalment tinstab espressament imniżżla fl-Artikolu 156(1)(a) tal-Kap 12, b'riferenza għar-rikors maħluf. Rigward il-mandati kawtelatorji in ġenerali, l-Artikolu 831(2) tal-Kap. 12 jesiġi li "ir-rikors għandu jiġi konfermat mir-rikorrent bil-ġurament" bla ma jgħid li r-

rikorrent jinħtieġ li jkun jaf bil-fatti personalment. L-Artikolu 180(1)(a) tal-Kap. 12 jawtorizza lil mandatarju li jippreżenta atti bil-miktub għan-nom ta' prinċipal assenti minn dawn il-gżejjer u jsegwi li jekk dawn l-atti jridu jinħalfu, il-mandatarju jista' jaħlifhom ukoll.

Iżda jibqa' dejjem prinċipju sagrosant li ħadd ma jista' jaħlef għal ħaddieħor. Skont l-Artikolu 598 tal-Kap. 12:

> "(1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xhieda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xhieda fuq dawk il-fatti.
>
> (2) Il-qorti tista', *ex officio*, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xhieda bħal dawk.
>
> (3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk il-mistoqsijiet."

Għalhekk il-mandatarju ma jista' qatt jaħlef għal fatti li huwa ma jkunx jaf personalment. Minn tal-inqas, biex ikun jista' jagħmel dan, il-prokura speċjali li jkollu trid tkun telenka il-fatti li jagħtu lok għall-mandat kawtelatorju u jeħtieġ li dawn il-fatti jkunu kkonfermati bil-ġurament mill-mandant innifsu. Altrimenti jkun jonqos ir-rekwiżit sagrosant li l-pretiża li fuqha jkun qiegħed jintalab il-ħruġ tal-mandat tkun ikkonfermata bil-ġurament, ben intiż li l-ġurament jittieħed minn min jaf il-fatti huwa stess u mhux minn min jaf il-fatti għax qalhomlu ħaddieħor.

Fil-każ preżenti, mhux biss *si tratta* ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju maħluf minn persuna li ma stqarritx li taf il-fatti personalment, imma lanqas hemm prova tal-mandat speċjali favur il-persuna li qed tippreżenta ruħha

bħala mandatarju speċjali.

F'dawn il-proċeduri, mhux biss il-Qorti m'għandha l-ebda prova tal-mandat speċjali li suppost ġie mogħti lill-Avukat Borg Cole, iżda lanqas taf eżattament x'kienu s-setgħat delegati permezz ta' dan l-allegat mandat, u lanqas għandha prova li dan il-mandat ġie tterminat. Il-prokura mogħtija fil-kors tal-proċeduri lill-avukat Nicola Gandini ma tfejjaqx din il-problema għaliex din ma saritx b'riferenza għall-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju.

**Għar-raġunijiet suesposti, il-Qorti qiegħda tilqa' r-rikors u tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 437/15.**

Moqri

--------------------TMIEM---------------------